Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 358/2005

tat-2 ta' Marzu 2005

dwar l-awtorizzazzjonijiet mingħajr limitu ta' żmien ta' ċerti addittivi u l-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda għal addittivi li diġà huma awtorizzati fl-għalf

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(ĠU L 275M, 6.10.2006, p. 192)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 643/2013 tal-4 ta' Lulju 2013	L 186	7	5.7.2013

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 358/2005

tat-2 ta' Marzu 2005

dwar l-awtorizzazzjonijiet mingħajr limitu ta' żmien ta' ċerti addittivi u l-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda għal addittivi li diġà huma awtorizzati fl-għalf

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf [1], u partikolarment l-Artikoli 3, 9d(1) u 9e(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali fl-Unjoni Ewropea.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-miżuri ta' tranżizzjoni għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi ta' l-għalf imressqa skond id-Direttiva 70/524 qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi elenkati fl-annessi ta' dan ir-Regolament kienu mressqa qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Kummenti tal-bidu mill-Istati Membri dwar dawn l-applikazzjonijiet li nħarġu skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE ġew imressqa lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Applikazzjonijiet bħal dawn għalhekk ser jibqgħu jitqiesu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

[1] ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1756/2002 (ĠU L 317, 16.10.2004, p. 37).
[2] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29

▼B

(5) L-użu tal-preparazzjoni ta’ enżimi ta’ alpha-amylase u endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotti mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553) kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għat-tiġieġ għat-tismin, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 654/2000 ([1]).

(6) Data ġdida ġiet imressqa b’appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta’ żmien ta’ din il-preparazzjoni ta’ enżimi.

(7) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta’ l-Ikel (EFSA) wasslet opinjoni favorevoli fir-rigward tal-potenzjal ta’ produzzjoni tat-tossini tal-mikroorganiżmu li jipproduċi din il-preparazzjoni ta' enżimi fil-15 ta' Settembru 2004.

(8) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(9) L-użu tal-preparazzjoni ta’ enżimi ta’ endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotti mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94), endo-1,4-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 592.94), alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), bacillolysin prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9554) u endo-1,4-beta-xylanase prodotta mit-*Trichoderma viride* (NIBH FERM BP 4842) kien awtorizzat proviżorjament, għat-tiġieġ għat-tismin, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2437/2000 ([2]).

(10) Data ġdida ġiet imressqa b’appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta’ żmien ta’ din il-preparazzjoni ta’ enżimi.

(11) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(12) L-użu tal-preparazzjoni ta’ enżimi ta’ endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotti mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94), endo-1,4-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 592.94), alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), u endo-1,4-beta-xylanase prodotta mit-*Trichoderma viride* (NIBH FERM BP 4842) kien awtorizzat proviżorjament, għat-tiġieġ għat-tismin, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2437/2000.

(13) Data ġdida ġiet imressqa b’appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta’ żmien ta’ din il-preparazzjoni ta’ enżimi.

([1]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 26.
([2]) ĠU L 280, 4.11.2000, p. 28

▼B

(14) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(15) L-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi ta' alpha-amylase u endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotti mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 357.94) kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għat-tiġieġ għat-tismin, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 ([1]).

(16) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi.

(17) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(18) Għalhekk, l-użu ta' dawn l-erba' preparazzjonijiet ta' enżimi kif speċifikat fl-Anness I għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(19) L-użu tas-sustanza "tartrazine" kien awtorizzat proviżorjament, bħala sustanza li tagħti l-kulur għal għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ u gerriema żgħar, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 2697/2000 ([2]).

(20) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' din is-sustanza li tagħti l-kulur.

(21) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(22) L-użu tas-sustanza "sunset yellow FCF" kien awtorizzat proviżorjament, bħala sustanza li tagħti l-kulur għal għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ u gerriema żgħar, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 2697/2000.

(23) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' din is-sustanza li tagħti l-kulur.

([1]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 15.
([2]) ĠU L 319, 16.12.2000, p. 1.

▼B

(24) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(25) L-użu tas-sustanza "patent blue V" kien awtorizzat proviżorjament, bħala sustanza li tagħti l-kulur għal għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ u gerriema żgħar, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 2697/2000.

(26) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' din is-sustanza li tagħti l-kulur.

(27) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(28) L-użu tas-sustanza "chlorophyll copper complex" kien awtorizzat proviżorjament, bħala sustanza li tagħti l-kulur għal għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ u gerriema żgħar, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 2697/2000.

(29) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' din is-sustanza li tagħti l-kulur.

(30) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni bħal din huma sodisfatti.

(31) Għalhekk, l-użu ta' dawn l-erba' sustanzi li jagħtu l-kulur kif speċifikat fl-Anness I għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(32) L-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi ta' endo-1(4)-beta-xylanase prodott mill-*Bacillus subtilis* (LMG-15136) huwa awtorizzat għat-tiġieġ għat-tismin mingħajr limitu ta' żmien permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1259/2004 ([1]), u proviżorjament għall-ħnieżer żgħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 937/2001 ([2]) għad-dundjani għat-tismin permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2188/2002 ([3]), u għall-ħnieżer għat-tismin permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 261/2003 ([4])

(33) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għal applikazzjoni sabiex l-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi tiġi estiża għat-tiġieġ li jbidu.

([1]) ĠU L 239, 9.7.2004, p. 8.
([2]) ĠU L 130, 12.5.2001, p. 25.
([3]) ĠU L 333, 10.12.2002, p. 5.
([4]) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 12.

▼B

(34) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) wasslet opinjoni dwar l-użu ta' din il-preparazzjoni li tikkonkludi li ma tippreżentax riskju għal din il-kategorija addizzjonali ta' l-annimali, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(35) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet għal dak l-użu huma sodisfatti.

(36) L-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi tat-3-phytase prodott permezz tat-*Trichoderma reesei* (CBS 528.94) huwa awtorizzat għat-tiġieġ għat-tismin permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 418/2001 ([1]).

(37) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għal applikazzjoni sabiex l-awtorizzazzjoni ta' din il-preparazzjoni ta' enżimi tiġi estiża għad-dundjani għat-tismin u ħnieżer nisa.

(38) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) wasslet opinjoni dwar l-użu ta' din il-preparazzjoni li tikkonkludi li ma tippreżentax riskju għal dawn il-kategoriji addizzjonali ta' l-annimali, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(39) Għalhekk, l-użu ta' dawn iż-żewġ preparazzjonijiet ta' enżimi kif speċifikat fl-Anness III għandu jkun awtorizzat proviżorjament għal erba' snin.

(40) L-użu tal-preparazzjoni ta' micro-organiżmi ta' *Enterococcus faecium* hija awtorizzata għall-għoġiela mingħajr limitu ta' żmien permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru1288/2004 ([2]) u proviżorjament sat-30.06.2004, għat-tiġieġ għat-tismin, ħnieżer żgħar, ħnieżer għat-tismin, ħnieżer nisa u bhejjem ta' l-ifrat għat-tismin permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 866/1999 ([3]).

(41) Data ġdida ġiet imressqa b'appoġġ għal applikazzjoni sabiex l-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi tiġi estiża għall-klieb u l-qtates.

([1]) ĠU L 62, 2.3.2001, p. 3.
([2]) ĠU L 243, 15.7.2004, p. 10.
([3]) ĠU L 108, 27.4.1999, p. 21.

▼B

(42) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) wasslet opinjoni dwar l-użu ta' din il-preparazzjoni li tikkonkludi li ma tippreżentax riskju għal din il-kategorija addizzjonali ta' l-annimali, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(43) L-evalwazzjoni turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE għal awtorizzazzjoni ta' preparazzjonijiet għal dak l-użu huma sodisfatti.

(44) Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni ta' mikroorganiżmi kif speċifikat fl-Anness IV għandu jkun awtorizzat proviżorjament għal erba' snin.

(45) L-evalwazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet turi li ċerti proċeduri għandhom ikunu meħtieġa sabiex il-ħaddiema jkunu protetti mill-esponiment għall-addittivi elenkati fl-Annessi. Protezzjoni bħal din għandha tkun assigurata permezz ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri għall-inkoraġġiment tat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol ([1]).

(46) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Enżimi" kif elenkati fl-Anness I huma awtorizzati għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness I

Artikolu 2

Is-sustanzi li jagħmlu parti mill-grupp "Sustanzi li jagħtu l-kulur, inklużi l-pigmenti, sustanzi oħra li jagħtu l-kulur" kif elenkati fl-Anness II huma awtorizzati għall-użu mingħajr limitu ta' żmien bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness II.

([1]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

▼B

Artikolu 3

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Enżimi" kif elenkati fl-Anness III huma awtorizzati proviżorjament għal erba' snin bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness III.

Artikolu 4

Il-preparazzjonijiet li jagħmlu parti mill-grupp "Mikro-organiżmi" kif elenkati fl-Anness IV huma awtorizzati proviżorjament għal erba' snin bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali taħt il-kundizzjonijiet stipulati f' dak l-Anness IV.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

ANNESS I

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
Enżimi								
E 1619	Alpha-amylase EC 3.2.1.1 Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6	Preparazzjoni ta' alpha-amylase u endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotti mill- *Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553) li għandha attivitajiet minimi ta': Fil-forma miksija: Alpha-amylase: 200 KNU ([1])/g Endo-1,3-beta-glucanase: 350 FBG ([2])/g Fil-forma likwida: Alpha-amylase: 130 KNU/ml Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 225 FBG/ml	Tiġieġ għat-tismin	—	alpha-amylase: 10 KNU endo-1,3(4)-beta –glucanase: 17 FBG	— —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għal kull kg ta' għalf sħiħ alpha-amylase: 20-40 KNU endo-1,3(4)-beta-glucanase: 35-70 FBG 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih ħafna lamtu u beta glucans, eż. li fih aktar minn 40 % ta' ċereali (eż. barli, ħafur, qamħ, segala, triticale, jew mais).	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1620	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-glucanase EC 3.2.1.4 Alpha-amylase EC 3.2.1.1 Bacillolysin EC 3.4.24.28 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Il-preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotta mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94), endo-1,4-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 592.94), alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), bacillolysin prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9554) u endo-1,4-beta-xylanase prodotta mit-*Trichoderma viride* (NIBH FERM BP 4842) li għandha attività minima ta' Endo-1,3(4)-beta-glucanase2 350 U ([3])/g Endo-1,4-beta-glucanase: 4 000 U ([4])/g Alpha-amylase: 400 U ([5])/g Bacillolysin: 450 U ([6])/g Endo-1,4-beta-xylanase 20 000 U ([7])/g	Tiġieġ għat-tismin	—	Endo-1,3(4)-beta-glucanase 587 U Endo-1,4-beta-glucanase 1 000 U Alpha-amylase: 100 U Bacillolysin: 112 U Endo-1,4-beta-xylanase: 5 000 U	— — — — —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għal kull kg ta' għalf sħiħ endo-1,3(4)-beta-glucanase: 1 175 - 2 350 U endo-1,4-beta-glucanase: 2 000 - 4 000 U alpha-amylase: 200 - 400 U bacillolysin: 225 - 450 U endo-1,4-beta-xylanase: 10 000 - 20 000 U 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih ħafna polysaccharides mhux mil-lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u arabinoxylans).eż. li fihom aktar minn 45 % qamħ.	Mingħajr limitu ta' żmien

▼B

Nru KE	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
E 1621	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-glucanase EC 3.2.1.4 Alpha-amylase EC 3.2.1.1 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Il-preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase prodotta mill-*Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94), endo-1,4-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CBS 592.94), alpha-amylase prodott mill-*Bacillus amyloliquefaciens* (DSM 9553), u endo-1,4-beta-xylanase prodotta mit-*Trichoderma viride* (NIBH FERM BP 4842) li għandha attività minima ta' Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 10 000 U ([3])/g Endo-1,4-beta-glucanase 120 000 U ([4])/g Alpha-amylase: 400 U ([5])/g Endo-1,4-beta-xylanase 210 000 U ([7])/g	Tiġieġ għat-tismin	—	Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 500 U	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ Endo-1,3(4)-beta-glucanase1 000 – 2 000 U endo-1,4-beta-glucanase: 12 000 – 24 000 U alpha-amylase: 40 – 80 U endo-1,4-beta-xylanase: 21 000 – 42 000 U 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih ħafna polysaccharides mhux mil-lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u arabino-xylans).eż. li fihom aktar minn 45 % qamħ.	Mingħajr limitu ta' żmien
					Endo-1,4-beta-glucanase: 6 000 U	—		
					Alpha-amylase: 20 U	—		
					Endo-1,4-beta-xylanase: 10 500 U	—		
E 1622	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase u endo-1,4-beta-xylanase prodotti mit- *Trichoderma longibrachiatum* (CBS 357.94) li għandha attivitajiet minimi ta': Fil-forma granulari: 6 000 BGU ([8])/g 8 250 EXU ([9])/g Fil-forma likwida: 2 000 BGU/ml 2 750 EXU/ml	Tiġieġ għat-tismin	—	endo-1,3(4)-beta-glucanase: 500 BGU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ endo-1,3(4)-beta-glucanase: 500 BGU endo-1,4-beta-xylanase: 680 EXU 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih ħafna polysaccharides mhux mil-lamtu (fil-biċċa l-kbira beta-glucans u arabino-xylans).eż. li fihom aktar minn 30 % qamħ u 30 % barli jew 20 % segala.	Mingħajr limitu ta' żmien
					endo-1,4-beta-xylanase: 680 EXU	—		

▼B

(1) 1 KNU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 672 mikromoles ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn lamtu solubbli fil-minuta f' pH ta' 5,6 u 37 °C.
(2) 1 FBG huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn barli beta-glucan fil-minuta f' pH ta' 5,0 u 30 °C.
(3) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0,0056 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn barli beta-glucan fil-minuta f' pH ta' 7,5 u 30 °C.
(4) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0,0056 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn carboxymethylcellulose fil-minuta f' pH ta' 4,8 u 50.°C.
(5) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *glucosidic linkages* minn polimeri tal-lamtu "cross-linked" li ma jinħallux fl-ilma fil-minuta f' pH ta' 7,5 u 37 °C.
(6) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' glucosidic linkages minn polimeri tal-lamtu "cross-linked" li ma jinħallux fl-ilma fil-minuta f' pH ta' 7,5 u 37 °C.
(7) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0,0067 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) minn xylan ta' l-injam tal-betula fil-minuta f' pH ta' 5,3 u 50 °C.
(8) 1 BGU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0,278 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn barli beta-glucan fil-minuta f' pH ta' 3,5 u 40 °C.
(9) 1 EXU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' reducing sugars (ekwivalent ta' ksilożju) mill-arabinoksilan fil-minuta f' pH ta' 3,5 u 55 °C.

▼B

L-ANNESS II

Nru KE	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf sħiħ			
Sustanzi li jagħtu l-kulur, inklużi l-pigmenti								
2. **Sustanzi oħrajn li jagħtu l-kulur**								
E 102	Tartrazine	$C_{16}H_9N_4O_9S_2Na_3$	Għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ	—	—	150	—	Mingħajr limitu ta' żmien
			Gerriema żgħar	—	—	150	—	Mingħajr limitu ta' żmien
E 110	"Sunset yellow" FCF	$C_{16}H_{10}N_2O_7S_2Na_2$	Għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ	—	—	150	—	Mingħajr limitu ta' żmien
			Gerriema żgħar	—	—	150	—	Mingħajr limitu ta' żmien
▼M1 _____								
▼B E 141	"Chlorophyll copper complex"	—	Għasafar ornamentali li jieklu l-qmuħ	—	—	150	—	Mingħajr limitu ta' żmien
			Gerriema żgħar	—	—	150	—	Mingħajr limitu ta' żmien

ANNESS III

Nru KE jew Nru	Additiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ			
Enżimi								
51	Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-xylanase prodotta mill- *Bacillus subtilis* (LMG S-15136) i għandha attivitajiet minimi ta': Fil-forma solida u likwida: 100 IU (1)/g jew ml	Tiġieġ li jbidu	—	10 IU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ: 10 IU 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih ħafna arabinoksilan eż. li fih minimu ta' 40 % qamħ jew barli.	Data [din għandha timtela mis-servizz li jippubblika l-att fil-ĠU: 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament]
28	3-Phytase EC 3.1.3.8	Preparazzjoni ta' 3-phytase prodotta permezz ta' *Trichoderma reesei* (CBS 528.94) li fiha attività minima ta': Forma solida: 5 000 PPU (2)/g Forma likwida: 1 000 PPU/g	Dundjani għat-tismin	—	250 PPU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ 250 – 1 000 PPU. 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih aktar minn 0,22 % phosphorus li huwa "phytin bound"	Data [din għandha timtela mis-servizz li jippubblika l-att fil-ĠU: 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament]
			Ħnieżer nisa	—	250 PPU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandata għall kull kg ta' għalf sħiħ 500 – 1 000 PPU. 3. Għall-użu f' għalf "compound" li fih aktar minn 0,22 % phosphorus li huwa "phytin bound"	Data [din għandha timtela mis-servizz li jippubblika l-att fil-ĠU: 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament]

(1) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) minn xylan ta' l-injam tal-betula fil-minuta f' pH ta' 4.5 u 30 °C.
(2) 1 PPU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' fosfat inorganiku mis-sodium phytate fil-minuta f' pH ta' 5 u 37 °C.

L-ANNESS IV

Nru KE	Addittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf sħiħ			
Mikro-organiżmi								
10	*Enterococcus faecium* NCIMB 10415	Preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* li fiha minimu ta' forma microenkapsulata: 5×10^9 CFU/g	Klieb	—	$4{,}5 \times 10^6$	2×10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*.	Data [din għandha timtela mis-servizz li jippubblika l-att fil-ĠU: 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament]
			Qtates	—	5×10^6	8×10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u l-*premixture*, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, kemm jista' jdum fil-ħażna, u l-istabbiltà għall-*pelleting*.	Data [din għandha timtela mis-servizz li jippubblika l-att fil-ĠU: 4 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament]